MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Numru 639/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Merieca)

vs

Clayton Cremona u Keith Cremona

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 442185m u 530687m rispettivament akkuzati talli:

1. fit-3 ta' Gunju 2006 ghal habta tas-2.15 ta' filghodu gewwa l-Hamrun hebbew ghal Patricia Agius u kkagunawlha griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr K.Borg M.D ta' l-isptar San Luqa;
2. fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor;

3. fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebbew kontra Patricia Agius sabiex jingurjawha, idejquha jew jaghmlu hsara lil din il-persuna;
4. fl-istess, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem oxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

Il-Qorti mitluba li minbarra l-piena skond il-ligi tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Patricia Agius u l-familja taghha billi turbot lill-imsemmija Clayton Cremona u Keith Cremona b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Jibda biex jinghad li l-kwerelanti huma ahwa u kif xehdet l-istess kwerelanti hi s-siehba ta' missierhom. Dwar l-incident li fih hu allegat li sofriet griehi, l-kwerelanti, meta xehdet quddiem din il-Qorti, qalet li ma kienet qeghdha tiftakar xejn. Biss qalet li minn dak in-nhar tal-incident l-affarjiet gew ghan-normal u hi, f'kull kas, kienet hafret lill-imputati. Ftakret, pero', li kienet giet immedikata minn tabib li irrilaxxjala certifikat mediku li gharfitu bhala dak esebit in-atti. Tissuplimenta x-xhieda taghha l-prosekuzzjoni esebit l-istqarrija taghha li hi kienet irrilaxjat ftit wara l-incident. In propositu ghal din l-istqarrija l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghha kemm ghaliex ma jirrisultax li nqratilha u kemm ukoll ghaliex ma jirrisultax li ntuzat biex ix-xhud tirrifreska l-memorja minhabba li kif stqarret ma kienet qed tiftakar xejn dwar l-incident.

Fir-rigward il-griehi, mit-testimonjanza tat-tabib (folio 43), il-provi huma l-boghod li jikkwalifikaw l-istess griehi bhala li jissubentraw taht l-Artikolu 216 jew ukoll, u b'wisq inqas,

taht l-Artikolu 218 tal-Kap 9. Huma ghalhekk f'kull kaz ta' natura hafifa.

Intant, l-kwerelanta iddikjarat li kienet hafret lill-imputati. Abbinat dan mal-fatt li f'kull kaz m'hemm xejn mill-provi li jikkolega dan il-fatt tal-griehi mal-imputati, l-qorti qeghda ghaldaqstant tiddikjarhom mhux hatja u tilliberhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------